MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2010

Numru. 1276/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond Borg]**

**vs**

**Mohamad Ibrahim Ali S. Toba Abdul Wahid**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohamad Ibrahim Ali S. Toba Abdul Wahid ta’ 36 sena bin Mohammed Ibrahim Ali Bin S. Toba u Mariam née Ali Ahmed Insarem, imwieled Gharian, il-Libja, fit-12 ta’ April 1973, residenti fil-fond garaxx bla numru, Triq il-Bajja, Wied il-Ghajn u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 880646.

Akkuzat talli:
(a) Nhar il-14 ta’ Novembru 2009, ghall-habta tat-2.45 ta’ filghodu, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet, gewwa Wied il-Ghajn, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-

setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` taghha, liema dellitt sar bhala mezz biex il-persuna tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

(b) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wettaq attentat ghall-pudur fuq il-persuna ta' Melanie Seifert, li bhalissa qed toqghod Wied il-Ghajn;

(c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'ghemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku;

(d) Nhar il-14 ta' Novembru 2009, ghall-habta tat-2.45p.m. ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Catalina Ferreiro Del Riego, li bhalissa qed toqghod Wied il-Ghajn u dan skont kif iccertifikat minn Dr. Anton Ordodi, bhala tabib tal-klinika St. James, gewwa Haz-Zabbar,

(e) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Melanie Seifert;

(f) Fl-istess data, nhar il-14 ta' Novembru 2009, ghal-habta tat-2.45 ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet, gewwa Wied il-Ghajn, hebb kontra l-persuna ta' Melanie Seifert u Catalina Ferreiro Del Riego sabiex jingurjahom jew jaghmel hsara lill-istess;

(g) Nhar il-14 ta' Novembru 2009, ghall-habta tat-2.45 ta' filghodu, filwaqt li kien fi Triq il-Qaliet gewwa Wied il-Ghajn, kiser il-Bon Ordni u l-Paci Pubblika b'ghajjat u glied;

(h) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza' vjolenza kontra taghha, meta hu kien haf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'

u dana bi ksur tal-Art. 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

(i) Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, gab ruhu b'mod li jaghti fastidju lil Melanie Seifert u Catalina Ferreiro Del Riego, b'mod li kien jaf, jew li messu kien jaf li, kien ta' fastidju ghall-persuni hawn imsemmija.

Semghet ix-xhieda prodotta, u t-trattazzjoni tal-partijiet wara l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-Artikoli kif prodotti mill-Avukat Generali.

Ikkunsidrat, illi fuq ammissjoni tal-imputat u stante li l-fedina penali tieghu hija netta, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli 86 u 87(1)(g), 214 u 221, 207 u 202(f), 209, 251A u 251B, 338(dd) u 339(1)(d) u l- Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress li l-Art 338(dd) u 339(1)(d) huma kontravenzjonali, u ghalhekk huma assorbiti fir-reati l-ohrajn.

U peress ukoll illi l-Artikoli 202, 207, 209 u 251A huma wkoll assorbiti fl-Artikolu 251B u dan a bazi tal-Artikolu 17(h), issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti u tikkundannah sittax (16)-il xahar prigunerija u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tordna s-sospensjoni ta' din il-piena ghal zmien ta' tmintax (18) -il xahar.

Finalment, spjegat fi kliem ordinarju lill-imputat bil-kosegwenzi, jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------